



2025/743

8.5.2025

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 27/2025

tas-7 ta' Frar 2025

li temenda l-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE [2025/743]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/2765 tal-24 ta' Ġunju 2024 li jirrettifika l-verżjoni bil-lingwa Pollakka tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/35 li jissupplimenta d-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-Assikurazzjoni u r-Riassikurazzjoni (Solvibbiltà II) ⁽¹⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (2) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness IX tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 1b (ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/35) tal-Anness IX tal-Ftehim dwar iż-ŻEE:

“— **32024 R 2765:** Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/2765 tas-24 ta' Ġunju 2024 (ĠU L, 2024/2765, 25.10.2024).”

Artikolu 2

It-test tar-Regolament Delegat (UE) 2024/2765 bil-lingwa İzlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment dwar iż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-8 ta' Frar 2025, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE (*).

⁽¹⁾ ĠU L, 2024/2765, 25.10.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2024/2765/oj.

(*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Frar 2025.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Nicolas VON LINGEN
